**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru: 157/2015 MLF**

**Atlas Insurance PCC Limited, f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Alfred Gera & Sons Limited abbazi tal-polza tal-assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Alfred Gera & Sons Limited**

**vs**

**Gollcher Company Limited**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tal-atturi fejn talbu sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma komplessiva ta' tlett elef hames mija u disgha w tmenin Ewro w ghoxrin centezmu (€3,589.20), [inkwantu ghal €3,473.20c lis-socjeta' Atlas Insurance PCC Limited rappresentanti hlas maghmul ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva in konnessjoni mad-danni fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata taghha u €116.00c lis-socjeta' Alfred Gera & Sons Limited rappresentanti l-excess relattiv], bhala s-socjeta' inkarigata mit-trasport tal-merkanzija lejn Malta, liema merkanzija waslet Malta fil-11 ta' Gunju 2013 u giet ikkonsenjata lil Alfred Gera & Sons Ltd fit-12 ta' Gunju 2013 (MAWB No: 64308515776).

Bl-imghax legali mit-2 ta' Awwissu 2013 u bl-ispejjez kontra l-intimata.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

   i. Fl-ewwel lok, is-socjeta' konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur billi hija ma kellha ebda relazzjoni guridika diretta mas-socjetajiet attrici.

   ii. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda responsabbilita ma hija imputabbli lilha in konnessjoni mat-trasport tal-merkanzija billi hija ezegwiet l-obbligi taghha.

   iii. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kaz biss illi dina l-Qorti ssib illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli, kwalunkwe responsabilita' hija limitata a tenur tal-kundizzjonijiet applikabbli ghall-kuntratt ta' garr in kwistjoni.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri taghhom.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. Ritianne Balzan, *Shipping Department Manager* fi hdan Alfred Gera & Sons Limited xehdet li s-socjeta' minnha rapprezentata kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex tezegwixxi t-trasport ta' merkanzija ta' prodotti farmacewtici li hi kienet akkwistat minghand Bayer plc gewwa l-Ingilterra.[1] Kenneth Dimech, *Warehouse Manager* fi hdan l-istess kumpanija, xehed li huwa responsabbli milli jivverifika kemm il-kwantita' u anke l-kwalita' tal-merkanzija li tasal ghand il-

[1] Ara x-xhieda ta' Ritianne Balzan a *fol*. 40 tal-process

kumpanija. Spjega li meta rcieva l-konsenja in kwistjoni kien hemm 30 kaxxa kontenenti *Primovist Injection Vials* li kienu ddannegjati.[2]

ii. B'ittra datata 17 ta' Gunju 2013 Alfred Gera & Sons Limited baghtet tinforma lis-socjeta' konvenuta li l-konsenja li hija kienet irceviet fit-12 ta' Gunju 2013 kienet tikkontjeni merkanzija nieqsa jew iddannegjata.[3] Is-socjeta' konvenuta wiegbet permezz ta' ittra datata 20 ta' Gunju 2013 fejn cahdet ir-responsabilita' ghal tali nuqqasijiet.[4]

iii. Fid-19 ta' Gunju 2013 Alfred Gera & Sons Limited ghamlet *claim* mas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited dwar din il-konsenja. Atlas Insurance PCC Limited approvat din il-*claim* u hallset lil assigurata taghha is-somma ta' €3,473.20, u dan ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-assigurata taghha li da parti taghha issurogat lis-socjeta' attrici fid-drittijiet kollha taghha.[5] Is-socjeta' Alfred Gera & Sons Limited qed titlob il-hlas ta' €116 bhala *excess*.[6]

iv. Joseph Mangion, *Cargo Claims Handler* fi hdan is-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited, xehed li l-istess socjeta' minnhu rapprezentata kienet baghtet ittra datata 2 ta' Awwissu 2013 lis-socjeta' konvenuta fejn talbitha thallasha s-somma ta' €3,889.20 rapprezentanti l-valur tal-merkanzija dannegjata u wkoll spejjez ohra relatati.[7]

v. Walter Micallef, *Airfrieght Manager* mas-socjeta' konvenuta, xehed li Alfred Gera & Sons Limited kienet akkwistat il-merkanzija minghand Bayer plc gewwa l-Ingilterra li da parti taghha kienet inkarigat lil Yusen Logistics (UK) Ltd sabiex jezegwixxu t-trasport tal-merkanzija mill-Ingilterra lejn Malta. Spjega li s-socjeta' konvenuta hija l-agent gewwa Malta tal-principal taghha Yusen Logistics (UK) Ltd u li kienet din tal-ahhar li ghamlet l-arrangamenti tat-trasport. Qal li l-merkanzija ghaddiet minghand Bayer plc ghal Yusen Logistics (UK) Ltd fi stat tajjeb. Il-

[2] Ara x-xhieda ta' Kenneth Dimech a *fol*. 36 tal-process
[3] Ara Dok JM2 a *fol*. 15 tal-process
[4] Ara Dok JM3 a *fol*. 16 tal-process
[5] Ara d-dokument tas-surroga immarkat bhala JM7 a *fol*. 20 tal-process
[6] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Joseph Mangion a *fol*. 9 tal-process
[7] Ara Dok JM1 a *fol*. 14 tal-process

merkanzija imbaghad ingarret lejn Malta mill-linja tal-ajru Air Malta. Is-socjeta' konvenuta kienet hadet hsieb li tavza lil Alfred Gera & Sons Limited hekk kif il-merkanzija waslet Malta. Spjega li l-merkanzija ma ghadditx fil-pussess tas-socjeta' konvenuta ghaliex ingabret mill-ajruport direttament mill-addetti ta' Alfred Gera & Sons Limited.[8]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. L-ewwel eccezjoni tas-socjeta' konvenuta hija ta' natura preliminari li tehtieg li tigi trattata u deciza qabel ma din il-Qorti tghaddi sabiex tikkunsidra l-mertu tal-vertenza odjerna.

*L-ewwel eccezzjoni – Legittimu Kontradittur u n-Nuqqas ta' Relazzjoni Guridika*

7. B'din l-ewwel eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta ssostni li hija mhijiex il-legittimu kuntradittur stante li hi agixxiet biss bhala rapprezentant kummercjali tas-socjeta' estera Yusen Logistics (UK) Ltd u ghalhekk ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn il-kumpaniji attrici.

8. Huwa risaput li min jecepixxi li mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-parti attrici, jehtigu juri li mhuwiex il-parti li kellha twiegeb ghall-pretensjonijiet attrici. F'cirkostanzi bhal dawn, huwa mehtieg li jigi stabbilit jekk il-parti konvenuta kinitx materjalment involuta fl-agir li minnu qeghda tilmenta l-parti attrici u jekk l-involviment tal-parti konvenuta wassalx ghal holqien ta' relazzjoni guridika mal-parti attrici. F'dan ir-rigward, fis-sentenza **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti**, deciza fl-10 ta' Jannar 2007, il-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri)[9] irriteniet hekk: *"B'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'.*

[8] Ara x-xhieda ta' Walter Micallef a *fol*. 47 u 59 tal-process
[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha."*

9. Mill-provi prodotti jirrizulta li hemm divergenza bejn il-verzjonijiet tal-partijiet dwar l-irwol tas-socjeta' konvenuta fit-trasport tal-merkanzija *de quo* mill-Ingilterra lejn Malta. Minn naha l-wahda, Ritianne Balzan, rapprezentant ta' Alfred Gera & Sons Limited, xehdet li kienet is-socjeta' minnha rapprezentata li nkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex tezegwixxi t-trasport tal-merkanzija lejn Malta. Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta tinsisti li kienet is-socjeta' estera Bayer plc li nkarigat lil Yusen Logistics (UK) Ltd sabiex jezegwixxu dan it-trasport, u li l-irwol tas-socjeta' konvenuta f'dan il-kaz kien limitat ghal dak ta' agent tal-principal taghha Yusen Logistics (UK) Ltd.

10. Il-Qorti tqis li f'dan il-kaz hija aktar verosimili l-verzjoni tas-socjeta' attrici Alfred Gera & Sons Limited li l-inkarigu kien inghata direttament minnha lis-socjeta' konvenuta. Dan mhux biss ghab-bazi tax-xhieda ta' Ritianne Balzan, izda anke in vista tal-fattura mahruga mis-socjeta' konvenuta fir-rigward tal-merkanzija mertu tal-kawza. Minn din il-fattura jirrizulta li s-socjeta' konvenuta, oltre d-drittijiet dovuti lilha, kienet qeghda tigbor minghand Alfred Gera & Sons Limited l-ispejjez relatati mal-garr tal-merkanzija (*freight*).[10] Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dan jindika li l-inkarigu ghall-garr inghata minn Alfred Gera & Sons Limited lis-socjeta' konvenuta u mhux mis-socjeta' estera Bayer plc lil Yusen Logistics (UK) Ltd kif issostni s-socjeta' konvenuta.

11. In oltre, Walter Micallef, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, xehed li Alfred Gera & Sons Limited kienet ilha tutilizza s-servizzi tas-socjeta' konvenuta ghal diversi snin tant li jghid "*Jiena ilni sbatax-il (17) sena ma' Gollcher u dejjem nafhom bhala klijenti*"[11] u li tul dawn is-snin bejn Alfred Gera & Sons Limited u s-socjeta' konvenuta qatt ma sar kuntratt bil-miktub, fatt dan ikkonfermat ukoll mix-xhieda ta' Ritianne Balzan. Finalment in-*Notice of Arrival* li huwa dokument rilaxxat mis-socjeta' konvenuta lil Alfred Gera & Sons Limited, jikkontjeni d-dettalji kollha relatati mal-garr, inkluz struzzjonijiet li ghandu jsegwi l-klijent ghar-rilaxx tal-merkanzija.[12]

---

[10] Ara l-fattura numru 290822 a *fol.* 44 tal-process
[11] Ara x-xhieda ta' Walter Micallef a *fol.* 52 tal-process
[12] Ara n-*Notice of Arrival* immarkat JM4 a *fol.* 17 tal-process

12. Dan kollu jindika li bejn is-socjeta' Alfred Gera & Sons Limited u s-socjeta' konvenuta gie konkluz kuntratt ta' garr li permezz tieghu din tal-ahhar assumiet fil-konfront tas-socjeta' li nkarigatha, r-responsabilita' tat-trasport tal-merkanzija. Dan ifisser li bejn is-socjeta' attrici Alfred Gera & Sons Limited u s-socjeta' konvenuta inholqot relazzjoni guridika marbuta mal-konsenja mertu tal-kawza, u konsegwentement is-socjeta' konvenuta hija l-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici.

13. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ser tigi michuda.

*Il-Mertu*

14. Is-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Alfred Gera & Sons Limited, qed titlob danni naxxenti minn hsarat sofferti minn Alfred Gera & Sons Limited fil-merkanzija ta' prodotti farmacewtici waqt li dawn kienu qeghdin jingarru mill-Ingilterra lejn Malta. Is-socjeta' assigurata qeghda titlob l-ammont li hija hallset bhala *excess* meta fethet il-*claim* mas-socjeta' assiguratrici.

15. L-eccezzjonjijiet tas-socjeta' konvenuta fil-mertu huma li hija esegwiet l-obbligi taghha u ghalhekk mhijiex responsabbli ghal dawn id-danni. Is-socjeta' konvenuta targumenta li hi ma kinitx involuta fit-trasport fiziku tal-merkanzija u tghid li l-hsarat sehhew waqt li l-merkanzija kienet fil-pussess ta' terzi. Imbaghad bit-tielet eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta tecepixxi li fi kwalunkwe kaz ir-responsabilita' taghha hija limitata ghall-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' garr.

16. Kif gie rilevat fil-kunsiderazzjonijiet maghmula fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, s-socjeta' konvenuta intrabtet kuntrattwalment ma' Alfred Gera & Sons Limited sabiex iggorr u tikkonsenja din il-merkanzija fi stat tajjeb, u dan indipendentement mill-fatt li l-kuntratt konkluz bejn il-partijiet ma sarx fil-forma skritta. Il-fatt li sabiex tadempixxi l-obbligi minnha assunti, s-socjeta' konvenuta inkarigat lil terzi sabiex jezegwixxu parti mit-tragitt ma jnaqqas xejn mill-obbligi taghha lejn Alfred Gera & Sons Limited, u dan

stante li kull relazzjoni sussegwenti li dahlet fiha s-socjeta' konvenuta hija *res inter alios acta* ghas-socjeta' li nkarigatha.

17. Fis-sentenza **Albert Farrugia vs Michael Attard pro et noe**, deciza fit-28 ta' April 1998, il-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri)[13] inghad illi: *"... ... hu principju accettat li persuna ma tistax tahrab mill-konsegwenzi ghall-ksur ta' obbligazzjoni jew ghal mora billi tallega tort ta' persuna li maghha kellha relazzjoni. Il-kaz fortuwitu hu biss difiza meta jintervjeni att ta' terz indipendenti u estraneu ghad-debitur, u mhux meta bhal dan il-kaz, it-terz ikun gie mqabbad mid-debitur ghall-fini ta' esekuzzjoni ta' obbligazzjoni minnu assunt."*

18. Applikat dan l-insenjament ghall-kaz odjern, is-socjeta' konvenuta ma tistax tezimi ruhha mir-responsabilita' fil-konfront ta' Alfred Gera & Sons Limited billi tghid li d-danni sehhew meta l-konsenja kienet fil-pussess ta' terzi. Bl-istess mod, ir-responsabbilita' tas-socjeta' konvenuta tissussisti indipendentement mill-fatt li l-merkanzija effettivament ma ghaddietx fil-pussess taghha.

19. Bit-tielet eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta tecepixxi li r-responsabilita' taghha hija limitata bil-Konvenzjoni ta' Varsavja tal-1929 (*Convention for the Unification of Certain Rules relating to International Carriage by Air*) li tinsab inkorporata fil-Ligi Maltija bis-sahha tal-Avviz Legali 63 tal-2003 (Legislazzjoni Sussidjarja 499.24). Il-Qorti tqis li l-limitazzjonijiet tar-responsabilita' illi tipprovdi ghalihom il-Konvenzjoni ta' Varsavja fl-artikolu 22 citat mis-socjeta' konvenuta, ma japplikawx ghal kaz odjern u dan stante li l-Konvenzjoni tipprovdi ghal rimedji kontra l-vettural jew '*carrier*' li fl-artikolu 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.24 huwa definit bhala '*an air transport undertaking with a valid operating licence*'. L-istess artikolu jaghti definizzjoni ta' '*air transport undertaking*' bhala '*a person whose business includes the carriage by air of passengers, mail and, or cargo for hire or reward*' u ta' '*operating license*' bhala '*an authorisation by the State responsible to an air transport undertaking permitting it to carry out carriage by air of passengers, mail and, or cargo as stated in the operating licence for hire or reward*'.

[13] *Per* Imhallef Joseph Said Pullicino

20. Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta kellha licenzja li tippermettilha twettaq garr bl-ajru tant li dan il-garr bl-ajru gie ezegwit mill-linja tal-ajru Air Malta u l-irwol tas-socjeta' konvenuta kien dak ta' *freight forwarder* u mhux ta' *carrier*. Isegwi ghalhekk li r-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta fil-konfront tas-socjetajiet attrici tmur lil hinn mill-Konvenzjoni ta' Varsavja u fir-rigward tad-danni pretizi mis-socjetajiet attrici ghandhom japplikaw il-principji generali tad-dritt. Konsegwentement il-limitazzjonijiet stabbilit fit-termini tal-Konvenzjoni ma jistghux jigu applikati fir-rigward tas-socjeta' konvenuta.

21. Finalment il-Qorti tqis li s-socjetajiet attrici esebew is-*subrogation form* minn fejn jirrizulta li s-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited kienet hallset lis-socjeta' Alfred Gera & Sons Limited is-somma ta' €3,473.20. Mill-istess *subrogation form* jirrizulta li Alfred Gera & Sons Limited hallset is-somma ta' €116 bhala *excess*.[14] Mill-atti ma jirrizultax li dawn l-ammonti gew kontradetti bi provi kuntrarji u ghalhekk l-ammont pretiz jirrizulta sodisfacentement ippruvat.

**Konkluzjoni**

22. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

    2. Tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta;

    3. Konsegwentement, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited is-somma ta' tlett elef erba' mija u tlieta u sebghin Euro u ghoxrin centezmu (€3,473.20), bl-imghax mil-10 ta' Gunju 2015, data tan-notifika tal-avviz promotur, sad-data tal-pagament effettiv;

    4. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Alfred Gera & Sons Limited u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici Alfred Gera & Sons

[14] Ara s-*Subrogation Form* immarkat bhala JM7 a *fol.* 20 tal-process

Limited is-somma ta' mija u sittax-il Euro (€166), bl-imghax mil-10 ta' Gunju 2015, data tan-notifika tal-avviz promotur, sad-data tal-pagament effettiv;

23. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta' konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**